**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 231/14**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Jean Marc Dalli**
**(ID 11395M)**

**Illum, 27 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputat **Jean Marc Dalli**, iben Patrick u Helen nee` Abela, imwieled il-Pieta` fis-27 ta' Diċembru 1994 u residenti fil-fond 50, Bajja ta' San Tumas, Marsascala, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 11395(M);

Akkużat talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013 u fil-jiem u xhur ta' qabel ġewwa Kordin, f'Raħal Ġdid, u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Traffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-mitkub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet

ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-mitkub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta), datat 21 ta' Jannar 2014, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi d-difiża kkontendiet illi l-każ odjern jitratta dak li hemm kontemplat fl-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat in oltre illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat għandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta (kif applikabbli għall-każ odjern bis-saħħa tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta)[2];

Semgħet it-trattazjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur assenjata ma' din il-Qorti kif preseduta, esebiet vera kopja ta' proċess verbal bin-numru 1071/2013 dwar stqarrija ġuramentata ta' Jean Marc Dalli, meħuda nhar id-9 ta' Settembru 2013[3].

[1] Ara a fol. 11 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 11 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 12 u 13 tal-proċess.

F'seduta sussegwenti, l-istess xhud ippreżentat formalment l-esebit SB/539/2014 konsistenti fid-droga li ġiet oriġinarjament esebita fil-proċeduri kontra Dwight Falzon nhar l-24 ta' Novembru 2014.[4]

2. Mill-istess proċess verbal jirriżulta illi nhar id-9 ta' Settembru 2013, quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera, l-Ispettur Gabriel Micallef esebixxa stqarrija rilaxxjata minn Jean Marc Dalli dakinhar stess u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa eżerċitah billi tkellem ma' Dr. Alan Muscat ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.[5] L-istess Spettur Micallef esebixxa wkoll faxxikolu bi tmien ritratti[6] u lista' ta' ismijiet ta' tmien ġuvintur.[7] Huwa jikkonferma illi Dalli kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha[8];

   Jirriżulta wkoll mill-istess proċess verbal illi nhar id-9 ta' Settembru 2013, l-istess Jean Marc Dalli xehed quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. B'referenza għall-istqarrija tiegħu, huwa jgħid illi din ġiet rilaxxjata minnu b'mod volontarju wara li l-Ispettur Investigattiv tah is-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jitkellem ma' avukat, liema dritt huwa eżerċitah, u fi kliemu "*kien ghalhekkk li rrilaxxjajt din l-istqarrija*".[9] Huwa jikkonferma l-istqarrija tiegħu u jgħid illi din hija l-verita` kollha. Jikkonferma min kienet it-terza persuna li mingħandha xtara d-droga in kwistjoni u jidentifikaha fir-ritratti esebiti u jgħid ukoll illi dawn xtrahom bl-istess prezz li għaddihom lil Dwight. Jgħid ukoll illi hekk kif huwa għadda "*dawn is-sitt pilloli*" lil Dwight, huwa ġie arrestat mill-pulizija.[10]

   Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, Dalli jikkonferma illi f'dak il-lejl, huwa kellu fil-pussess tiegħu xi pilloli *ecstasy*, jindika mingħand min akkwistahom u li għalihom ħallas għaxar ewro għal kull pillola. Jikkonferma li meta xtara qabel, kien xtara mingħand l-istess persuna, dejjem bl-istess prezz. Mistoqsi kienx jaf persuni oħra li jixtru mingħand it-terz minnu ndikat, huwa jgħid "*Li nista nghajdlek huwa li Dweight talabni*

---

[4] Ara a fol. 51 u 52 tal-proċess.
[5] Ara din l-istqarrija a fol. 24 u 25 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 27 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 28 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 20 u 21 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 22 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 22 u 23 tal-proċess.

*ingiblu 6 pinnoli ecstasy minhabba li kien jaf li kont ser inkun mal-lahmi u li kien ser ikun mieghi fil-van. B'hekk jien ghadt lil lahmi igiblu 6 ecstasy ghal Dweight u infatti kellu fuqhu, u qabad u tghajhomli dak il-hin u jien tghajthom lil Dweight*".[11] Jikkonferma li huwa ħallas sittin ewro lil-laħmi ta' dawn is-sitt pilloli u talab l-istess somma lil Dweight, li tah sittin ewro u jgħid illi huwa tahom lil Dwight qabel daħlu fil-*party*.

3. **PS 1220 Chris Baldacchino** jixhed illi fit-3 ta' Settembru 2013, huwa kien qiegħed xogħol ġewwa Raħal Ġdid stante li kien hemm *party*. Flimkien ma' PS 1086, kien qiegħed fejn bdew jipparkjaw il-vannijiet tat-trasport. Ħin minnhom, osservaw persuna, ossia lill-imputat odjern, joħroġ borża u jgħaddi xi ħaġa lil persuna oħra, li wara rriżulta li kien Dwight Falzon. X'ħin raw dan, huma marru fuqhom u hekk kif kienu qegħdin javviċinawh, għadda borża lil tfajla, ċerta Gabrielle Tonna. Ix-xhud għamel tfittxija fuq l-imputat, li rriżultat fin-negattiv għal sustanzi jew oġġetti llegali. It-tliet persuni msemmija ġew arrestati sabiex isiru investigazzjonijiet ulterjuri. Iżjed tard, fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud jgħid illi mhux ċert mid-data tat-3 ta' Settembru 2013, iżda żgur li kienet is-sena 2013. Jgħid illi kien hu li daħħal ir-rapport dwar dan il-każ la darba ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija. Din ix-xhieda ġiet sospiża sabiex ix-xhud jesebixxi dan ir-rapport.[12]

4. Fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2017, imbagħad, ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li għamel huwa stess dwar dan il-każ.[13] Jgħid illi fix-xhieda preċedenti tiegħu, huwa ħa żball fid-data u li fil-fatt l-każ seħħ fit-8 ta' Settembru 2013.[14]

   Skont l-istess rapport, "*Persuna minnhom li aktar tard irrizultat bħala Jean-Marc Dalli Id 11395(M) deher izomm dik li dehret borza f'idu u deher jghaddi xi ħaġa minna lil persuna li kienet ħdejh li aktar tard irrizult li kien ċertu Dweight Falzon Id 147194(M). Malli raw hekk il-Pulizija avviċinaw u f'dak il-ħin Jean-Marc deher jgħaddi l-borza li tfajla li kienet ħdejh ċertu Gabrielle Tonna Id 15895(M) u f'dak il-ħin it tlett persuni ġew imwaqqfa. F'idejn Gabrielle instabet borza li kien fiha tlett (3) pilloli blue suspettat XTC, fil-but ta' Dweight Falzon instabu sitt (6) pilloli blue suspettati XTC. Filwaqt li fuq il-persuna ta' Jean Marc ma nstab xejn.*"[15]

[11] A fol. 25 tal-proċess.
[12] A fol. 32 sa 34 tal-proċess.
[13] Ara dan ir-rapport a fol. 42 sa 44 tal-proċess.
[14] A fol. 40 u 41 tal-proċess.
[15] A fol. 44 tal-proċess.

5. **L-Ispettur Gabriel Micallef** jixhed b'referenza għall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fid-9 ta' Settembru 2013, formanti parti mill-proċess verbal fuq imsemmi, u fuqha jagħraf il-firem tiegħu, ta' PS 168 u tal-imputat odjern. Jgħid ukoll illi s-sustanza in kwistjoni tinsab esebita fil-kawża kontra Dwight Falzon u dan b'referenza għall-pilloli li nstabu fuq Falzon.

   **In kontro-eżami**, ix-xhud jikkonferma illi l-kwistjoni kienet bejn Falzon u l-imputat u illi kemm l-imputat, kif ukoll it-tfajla tiegħu ta' dak iż-żmien ikkoperaw fl-istħarriġ li għamlet il-pulizija.[16]

   **Fil-kontro-eżami ulterjuri** tiegħu, l-Ispettur Gabriel Micallef jgħid illi huwa ma kienx preżenti meta seħħ il-każ u li huwa xehed fuq il-verżjoni li tawh il-pulizija, kif ukoll a bażi tal-istqarrija tal-imputat u tar-riżultanzi tal-analizi tax-Xjenzat Sammut. L-Ispettur Micallef ikkonferma wkoll illi d-dritt tal-imputat li jiġi assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern.[17]

6. **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** ippreżenta vera kopja tar-relazzjoni tiegħu esebita fl-atti tal-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Dwight Falzon', li fiha huwa ġie maħtur minn din il-Qorti bħala espert nhar l-20 ta' April 2015.[18]

   Minn din ir-relazzjoni, jirriżulta illi għal fini tal-analizi tiegħu, huwa ngħata dokument konsistenti f'*envelope* immarkat S/B/539/2014 li kien fih borża tal-plastik trasparenti li fiha (i) karta bil-kliem Data: 8/9/13 Ħin: 7:30pm Elevat/i minn gol but ta' Dwight Falzon fil-preżenza ta' Dwight Falzon minn PS1220, PS1086 u (ii) 6 pilloli ta' lewn blu.

   Illi dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fuq estratt meħud mill-pillola ta' lewn blu fl-istess dokument instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru totali ta' pilloli kien ta' 6. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

[16] Ara a fol. 36 sa 38 tal-proċess.
[17] A fol. 60 sa 62 tal-proċess.
[18] Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018, din il-Qorti kkonfermat n-nomina tal-istess espert ix-Xjenzat Godwin Sammut anke f'dawn il-proċeduri (a fol. 50 tal-proċess).

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-każ odjern, l-imputat qed jiġi akkużat kemm bil-pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*, kif ukoll bit-traffikar tagħha u dan b'referenza għal-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013, kif ukoll fil-jiem u x-xhur ta' qabel din id-data. Sabiex waħda jew iktar minn dawn l-imputazzjonijiet jirnexxu, jeħtieġ indubitament illi l-Prosekuzzjoni tressaq prova konvinċenti u bastanti sabiex jiġi eliminat kull dubju dettat mir-raġuni illi l-imputat tassew kellu fil-pussess tiegħu l-pilloli *ecstasy*, kif ukoll illi huwa traffika l-istess pilloli.

Il-Qorti tibda billi tikkunsidra dak sollevat mid-difiża fil-mori tat-trattazzjoni finali tagħha. Jirriżulta illi d-difiża qegħda f'dawn il-proċeduri tikkampa mal-fatt illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni huma skarni u, fil-fehma tagħha, mhumiex biżżejjed sabiex tissejjes reita` fl-imputat odjern. Il-Qorti tikkondividi l-ħsieb li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ huma tassew skarni, iżda l-Qorti ma tistax għal din ir-raġuni biss, tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Effettivament, u in tema legali, il-Qorti mhijiex prekluża milli ssib reita` fl-imputat abbażi ta' provi skarni, basta li l-kwalita` tal-istess provi, skarni kemm huma skarni, jkunu tali li jikkonvinċu lill-Qorti sal-grad meħtieġ mil-liġi, dwar il-ħtija tal-imputat.

Il-Qorti tqis ukoll illi huwa prinċipju ben radikat fil-liġi u fil-ġurisprudenza illi huwa l-kompitu tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar prova fil-proċeduri penali minnha avvanzati, u f'dan id-dawl tikkunsidra, kif sewwa sew ġie sollevat mid-difiża, illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq bħala xhieda f'dawn il-proċeduri kemm lil Dwight Falzon, kif ukoll lil Gabrielle Tonna, anke jekk jista' jagħti l-każ illi dawn il-persuni, jew min minnhom, setgħu jagħżlu li ma jixhdux kemm il-darba b'dan, huma setgħu jinkriminaw ruħhom. Il-Qorti tqis ulterjorment illi l-Prosekuzzjoni naqset saħansitra milli tressaq sabiex jixhed lil PS 1086 li kien flimkien ma' PS 1220, meta dan lemaħ lill-imputat jagħmel dak li jixhed dwaru l-istess xhud u li bħala konsegwenza wassal sabiex l-istess imputat jiġi akkużat bir-reati odjerni. Il-Qorti tiddeplora dan l-aġir tal-Prosekuzzjoni li *del resto* kienet mistennija li tikkonforma ruħha mad-dettami tal-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Madanakollu għall-kompletezza u qabel tgħaddi sabiex tagħmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri, il-Qorti tagħmel ukoll referenza f'dan ir-rigward għat-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 638 appena ċitat, liema sub-artikolu jipprovdi illi x-xhieda ta' xhud wieħed biss hija biżżejjed sabiex tagħmel prova sħiħa u kompluta,

daqs li kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar, sakemm dak ix-xhud jiġi emmnut minn min għandu jiġġudika.

Il-prova prinċipali illi din il-Qorti għandha quddiemha hija fil-fatt ix-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino.

Jirriżulta minn din ix-xhieda illi huwa u PS 1086 kienu *"qegħdin f'post fejn bdew jipparkjaw il-vannijiet tat-trasport"* ġewwa Raħal Ġdid stante li kien hemm *party*, u fir-rapport minnu mħejji in konnessjoni ma' dan il-każ, għalkemm taħt il-kolonna *"Name, Surname, Father's or Husband's name and Residence of person concerned"* huwa niżżel il-kliem *"Sejba ta' Pilloli suspettati XTC ġo Party f'Kordin"*, fil-kolonna intestata "*Precis of Occurrence*", huwa niżżel illi *"kienu qedin jagħmlu searches fuq persuni li kienu ser jidhlu l-Party ġewwa l-Ħabs l-Antik Kordin"*, li jfisser għalhekk illi dawn it-tfittxijiet ma kinux qed isiru fil-*party*, iżda barra l-lok tal-istess *party*. Fil-fatt dan ir-rapport ikompli jgħid illi "*Għal-ħabta ta' 8pm l-Pulizija msemmija osservaw grupp ta' zaghzagħ li kienu għadom kif waslu*".

Issa fl-istess rapport, ix-xhud ikompli jiddeskrivi dak li skond hu seħħ kif isegwi: "*Jean Marc Dalli Id 11395(M) deher izomm dik li dehret borza f'idu u deher jghaddi xi ħaġa minna lil persuna li kienet ħdejh li aktar tard irrizult li kien ċertu Dweight Falzon Id 147194(M). Malli raw hekk il-Pulizija avviċinaw u f'dak il-ħin Jean-Marc deher jgħaddi l-borża li tfajla li kienet ħdejh ċertu Gabrielle Tonna Id 15895M u f'dak il-ħin it-tlett persuni ġew imwaqqfa."* Żied iniżżel illi f'idejn Gabrielle Tonna instabet borża li kien fiha tlett (3) pilloli blu suspettati *ecstasy* u fil-but ta' Dweight Falzon instabu sitt (6) pilloli blu suspettati *ecstasy*, fil-waqt illi fuq il-persuna ta' Jean Marc Dalli ma nstab xejn.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, meta ġie biex jiddeskrivi dak li huwa kien ra, l-istess PS 1220 jgħid hekk: "*Hin minnhom osservajna persuna li huwa l-imputat…fejn dan hareg borza u rajnieh jghaddi xi haga lil persuna ohra li wara meta ccekkjajna kien certu Dwight Falzon. Malli rajna hekk morna fuqhom. x'hin konna sejrin napprocjawh ghadda borza lil tfajla, certu Gabrielle Tonna. Jien ghamilt tfittxija fuq l-imputat pero ma kont sibt xejn illegali fuqu. Dawn it-tliet persuni gew arrestati …*".

Dwar dak li nkiteb minn PS 1220 fir-rapport tiegħu u x-xhieda tal-istess PS 1220 f'dawn il-proċeduri, id-difiża tissottometti illi hemm diskrepanza u dan fis-sens skont l-istess difiża, illi fil-waqt illi fix-xhieda tiegħu, PS 1220 jgħid illi l-imputat għadda xi ħaġa lil Dwight Falzon, u li mbagħad l-istess Falzon għadda borża lil

Gabrielle Tonna, fir-rapport tiegħu huwa jgħid illi l-imputat għadda xi ħaġa minn borża li kellu f'idu lil Dwight Falzon u li sussegwentement, l-istess imputat għadda l-borża lil Gabrielle Tonna li kienet ħdejh. Biss minn qari tax-xhieda tal-istess PS 1220, il-Qorti tinnota illi mkien fil-fatt ma jirriżulta illi l-istess xhud qal illi kien Dwight Falzon illi għadda l-borża lil Gabrielle Tonna, iżda huwa jgħid illi "*x'hin konna sejrin napprocjawh ghadda borza lil tfajla*" mingħajr ma jispeċifika jekk kienx qed jirreferi għall-imputat jew għal Dwight Falzon. Fir-rapport tiegħu, imbagħad, dan ġie spjegat minnu f'iżjed dettal, fejn jgħid illi kien l-imputat li għadda l-borża lil Gabrielle Tonna, fil-waqt li jżid ukoll illi f'idejn Tonna nstabet borża li kien fiha tliet pilloli blu u fil-but ta' Dwight Falzon instabu sitt pilloli blu. Għalkemm dak li nstab fil-pussess ta' Tonna u ta' Falzon ma ġiex indikat mix-xhud fix-xhieda tiegħu, la darba kien huwa stess li kiteb ir-rapport minnu esebit u la darba wkoll huwa kien preżenti fuq il-post waqt li seħħ dan kollu, il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita l-kontenut tar-rapport tal-istess PS 1220.

Imbagħad jirriżulta wkoll illi n-numru ta' pilloli li ġew mgħoddija lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, konfermat bħala espert f'dawn il-proċeduri, għall-analiżi tiegħu fil-proċeduri kontra Dwight Falzon, liema pilloli ġew formalment esebiti wkoll f'dawn il-proċeduri, kien ta' sitta. Jirriżulta wkoll mill-esebit in kwistjoni, li dawn il-pilloli kienu dawk elevati mill-but ta' Dwight Falzon fil-presenza ta' PS 1220 u PS 1086. Għal kompletezza jingħad illi r-relazzjoni tal-imsemmi espert kienet dik imħejjija minnu għall-fini tal-proċeduri meħuda kontra Dwight Falzon u li vera kopja tagħha ġiet esebita mill-istess espert f'dawn il-proċeduri.

Dak li l-Qorti għalhekk trid tikkunsidra huwa jekk ix-xhieda ta' PS 1220 Christopher Baldacchino tammontax għall-prova bastanti tal-allegat traffikar, tqassim jew provvista ta' mediċina psikotropika u ristretta da parti tal-imputat lil Dwight Falzon. Fi kliem ieħor, ix-xhieda ta' Baldacchino tagħmel prova suffiċjenti illi dak li l-imputat intlemaħ joħroġ mill-borża li kellu f'idejh, kien proprju s-sitt pilloli *ecstasy* li nstabu fil-but ta' Falzon?

Hija l-fehma meqjusa ta' din il-Qorti illi dak li xehed dwaru PS 1220 u li ma ġiex kontradett mid-difiża, jikkostitwixxi prova sodisfaċenti ta' dak li għamel l-imputat odjern. Id-difiża ma seħħilix tikkontradiċi dak li ddepona x-xhud bil-mezz tal-kontro-eżami jew bi prova ulterjuri, u għalhekk mhijiex mittiefsa x-xhieda ta' PS 1220 in kwantu huwa jgħid illi ra lill-imputat jgħaddi xi ħaġa minn ġo borża lil Dwight Falzon, liema borża sussegwentement l-istess imputat għaddiha lil Gabrielle Tonna u fiha nstabu tliet pilloli blu. La darba fil-borża in kwistjoni

nstabu proprju pilloli blu, la darba wkoll l-imputat ġie nnutat joħroġ xi ħaġa minn din l-istess borża li ftit mumenti qabel kienet fil-pussess tiegħu u minnha għadda xi ħaġa lil Falzon u la darba wkoll Falzon dak il-ħin instab fil-pussess ta' sitt pilloli, ukoll blu, il-Qorti tqis illi ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li kien proprju l-imputat li għadda dawn il-pilloli lil Falzon.

Dan huwa ulterjorment konfermat mill-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-ġurament tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi huwa minnu, kif sewwa sew tirrileva d-difiża, illi din l-istqarrija ġiet rilaxxata mill-imputat qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Att LI tal-2016 li estenda d-dritt ta' persuni suspettati jew arrestati li mhux biss jottjenu parir legali qabel l-interrogatorju tagħhom, iżda wkoll illi jkollhom l-assistenza ta' avukat waqt l-istess interrogatorju. Kif jirriżulta minn diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, il-posizzjoni dwar l-ammissibilita` o meno ta' stqarrijiet meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att hija llum kemmxejn fluwida.  Bla dubju madanakollu, l-inammissibilita` assoluta ta' tali stqarrijiet a bażi ta' dak preċedentement deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' **Salduz v. Turkey** u fil-każ ta' **Mario Borg v. Malta**, ġiet riveduta fis-sentenza iżjed riċenti tal-istess Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Philippe Beuze v. Belgium**.

Jirriżulta wkoll illi l-Qrati tagħna, partikolarment wara d-deċiżjoni ta' **Beuze**, ukoll bdew iqisu aspetti oħrajn tal-proċeduri fil-kunsiderazzjonijiet tagħhom dwar l-ammissibilita` o meno ta' stqarrija meħuda mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju tal-persuna arrestata jew suspettata.

Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel (Emanuel) Zammit** tal-5 ta' Diċembru 2019, il-Qorti qieset wieħed wieħed dawk l-aspetti elenkati fil-ġudizzju ta' Beuze sabiex wasslet għad-deċiżjoni tagħha, u dan wara li esprimiet il-fehma segwenti:

> *48. Illi minn dawn is-sentenzi jirriżulta li s-sempliċi esklużjoni ta' dan id-dritt ma jwassalx neċessarjament għalbiex il-Qorti tiskarta l-prova li tkun inkisbet; iżda din il-Qorti trid tqis it-totalita' ta' dan il-proċess sabiex tistabbilixxi jekk b'tali* ***nuqqas l-appellant setgħax ikun preġudikat*** *għal dak li jirrigwarda is-sejbien ta' ħtija tat-tieni imputazzjoni kontra tiegħu."*

Ravviżament simili sar mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali, diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** tas-27 ta' Frar 2019, fejn intqal hekk:

> "*Illi ghalkemm il-qrati, inkluza din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, qed jiehdu il-linja li jiskartaw tali prova mill-atti u dan anke meta dan ma jigix mitlub minn ebda wahda mill-partijiet u dan sabiex b'hekk ma tinsorgiex il-biza' ta' xi lezjoni ghad-dritt ta' smigh xieraq, din il-Qorti madanakollu hija tal-fehma illi ghandha timxi b'iktar kawtela u cirkospezzjoni iktar u iktar wara decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz - Philippe Beuze vs Belgium (71409/10) deciza mill-Grand Chamber recentement fid-09 ta' Novembru 2018 li regghet qallbet il-kriterji imfassla fid-decizjoni ta' Salduz u ohrajn u dan ghalkemm sabet li f'dan il-kaz kien sehh vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi f'din id-decizjoni il-Qorti Ewropeja regghet addottat il-kriterju tal-"overall fairness of the proceedings" sabiex jigi mistharreg jekk sehhitx xi lezjoni ghad-dritt tas-smigh xieraq.*"

Din il-Qorti kif preseduta diġa` kellha okkażżjoni tikkunsidra l-assjem ta' dawn l-iżviluppi fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Galea**. Il-partijiet relevanti ta' din is-sentenza qegħdin hawn jerġgħu jiġu riprodotti:

> "*Illi jirriżulta mis-suespost illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-15 ta' Settembru 2012 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Madankollu, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju, stante li dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.*
>
> *Illi d-difiża talbet illi tiġi skartata l-istqarrija tal-imputat bħala prova u dan stante illi l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu. Da parti tagħha, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kinitx qegħda toġġezzjoni għal din it-talba.*
>
> *F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ* ***Mario***

***Borg v. Malta***, *kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor*** *tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia* ***Carmel Saliba vs Avukat Generali*** *tas-16 ta' Mejju 2016,* ***Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali*** *tat-30 ta' Mejju 2016,* ***Malcolm Said vs Avukat Generali et*** *tal-24 ta' Ġunju 2016 u* ***Aaron Cassar vs Avukat Generali et*** *tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement."*

*Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet* ***Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et****, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:*

> *"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]*

*Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>****, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>*** *tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Sandro Spiteri</u>*** *tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>*** *tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet* ***<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>****:*

*"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

*Fil-każ ta'* **<u>Philippe Beuze vs Belgium</u>** *deċiż mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-overall fairness of the proceedings sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:*

*"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."*

*F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat inter alia illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-*

*kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.*

*Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et*** *nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.*

*F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta'* ***Ibrahim and Others v. United Kingdom*** *deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, ipso facto, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'* ***Beuze v. Belgium*** *u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:*

*"20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*

*21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

...

*23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk*

*tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:*

*"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi,*

*aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]*

*Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:*

> *"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.*
>
> *19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".*

*Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-overall fairness of the proceedings straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.*

*Fil-każ odjern, fid-dawl tal-bqija tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, l-unika prova li tista' twassal sabiex l-imputat jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, hija <u>biss u unikament</u> l-istqarrija*

*rilaxxjata mill-imputat u d-dikjarazzjonijiet li huwa għamel lill-uffiċjali tal-pulizija preżenti fuq il-post tal-arrest. Altrimenti skartata l-istqarrija, ma jibqgħux provi fl-atti li jistgħu jwasslu għal sejbien ta' ħtija fl-imputat, fil-grad rikjest mil-liġi. Għaldaqstant, huwa ċar illi kemm il-darba l-Qorti tqis l-istqarrija tal-imputat bħala prova f'dawn il-proċeduri, din ser ikollha impatt determinanti fuq l-eżitu tal-istess in kwantu t-tieni imputazzjoni.*

*Għalhekk fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrija tal-imputat u qegħda tiskartaha. Dan naturalment japplika wkoll għal kwalunkwe dikjarazzjoni li għamel l-imputat qabel irrilaxxja l-istess stqarrija bil-miktub u konsegwentement għal dawk il-partijiet tax-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li jirreferu għal tali dikjarazzjonijiet.*

*Il-Qorti qed tqis ukoll illi riċenti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet* **Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, Omissis***, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza l-iżjed riċenti, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonixxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal* **Beuze v. Belgium***, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom* **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar** *tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, abbinata ma' provi oħrajn, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju,* **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** *fuq ċitata, kif ukoll* **Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et** *tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:*

> *"Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l- ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu.*

*Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel konto-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu."*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija ricentement fl-ismijiet* ***Farrugia v. Malta****, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:*

*"Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."*

*Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello*** *u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:*

*"fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu*

*mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...".*

*Dan wara li l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta' Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Din is-sentenza tinsab illum fi stadju ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*

*Fis-sentenza tagħha* ***<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano et</u>*** *imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:*

*"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli. Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.*

*Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenta tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."*

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f'aspett speċifiku u ċioe` li f'kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti. F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti iżjed 'il fuq, l-istqarrija tal-imputat kif ikkonfermatha wkoll minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, m'hijiex l-unika prova li tressqet fil-konfront tal-imputat, tant illi kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi ġie ppruvat illi fil-lejl in kwistjoni l-imputat għadda pilloli *ecstasy* lil Dwight Falzon u dan permezz tax-xhieda ta' PS 1220 u tar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut. Fi kliem ieħor, f'dan il-każ, l-istqarrija tal-imputat mhijiex dik il-prova esklussiva jew determinanti li fuqha qegħda tistrieħ il-ħtija tal-imputat. Imbagħad irid jingħad ukoll illi f'dan il-każ, fil-mori tal-proċeduri, id-difiża fl-ebda waqt ma kkontestat il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat, iżda anzi eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil PS 168 Stephen Monreal bħala xhud tal-volontarjeta` tal-istess stqarrija u tal-identita` tal-imputat, kif lanqas ma kkontestat l-ammissibilita` tal-istess stqarrija, salv illi qajjmet għall-ewwel darba dan il-punt fit-trattazzjoni finali tagħha. Mhux biss, iżda fid-dawl tal-fatt illi l-imputat ikkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat tal-Għassa u semma' l-persuna li mingħandha huwa akkwista l-pilloli in kwistjoni, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi huwa għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli għall-każ odjern bis-saħħa tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti għalhekk tinsab sodisfatta illi l-imputat kien fil-pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2013, liema mediċina huwa għaddiha lil Dwight Falzon, u liema reat huwa wettqu f'Kordin f'Raħal Ġdid, meta flimkien ma' sħabu Dwight Falzon u Gabrielle Tonna kienu fi triqthom lejn *party* li kien qiegħed jinżamm ġewwa l-Ħabs l-Antik. F'dan ir-rigward irid jingħad ukoll illi għalkemm fil-bidu ta' dawn il-proċeduri, id-difiża sostniet illi l-każ odjern jittratta dak ikkontemplat fl-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia t-traffikar *by sharing*, huwa evidenti kemm minn dak li ra PS 1220, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, illi ma kienx il-każ illi l-imputat akkwista d-droga għalih u ddeċieda li jaqsam u jikkonsma minn dak li kellu għalih ma' Dwight Falzon, fl-istess post u fl-istess ħin, iżda huwa akkwista l-pilloli *ecstasy* speċifikament għal Falzon, fuq talba ta' dan tal-aħħar, u għaddihomlu qabel daħlu l-*party*, skont l-istess imputat, bl-istess prezz li huwa kien xtrahom mingħand it-terz. Dan ċertament ma jammontax sempliċiment għal traffikar *by sharing*, iżda huwa purament traffikar fid-definizzjoni tal-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Madankollu, in kwantu l-fatt illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu mhux biss għal-lejl imsemmi, iżda wkoll għall-jiem u x-xhur ta' qabel, il-Qorti ma tqisx illi l-Prosekuzzjoni ressqet xi provi li jwassluha sabiex tikkonkludi illi l-imputat traffika l-pilloli *ecstasy* u kien fil-pussess tagħhom fil-jiem u x-xhur ta' qabel. Għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat jikkonferma illi huwa kien anke qabel, akkwista l-*ecstasy* mingħand it-terz li huwa jsemmi, u jgħid illi dejjem xtrahom bil-prezz ta' għaxar ewro kull pillola, huwa ma jgħidx meta kienu dawn id-drabi l-oħra, kif lanqas ma jirriżulta jekk huwa kienx għadda l-*ecstasy* lil ħaddieħor f'okkażżjonijiet preċedenti. Għalhekk in kwantu l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu wkoll għall-jiem u x-xhur ta' qabel il-lejl ta' bejn it-8 tu 9 ta' Settembru 2013, il-Qorti tqis illi dan ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Fir-rigward tal-piena li ser tiġi erogata, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok l-eta` tenera tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, il-fatt li l-fedina penali tal-imputat fl-istess żmien kienet waħda netta, iċ-ċirkostanzi li fihom l-imputat ikkommetta r-reati lilu addebitati, in-numru ta' pilloli in kwistjoni, kif ukoll illi f'dan il-każ, l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, tant illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi japplikaw fil-konfront tal-imputat, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli f'dan il-każ bis-saħħa tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(2)(b)(i) u (ii) u 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu iżda limitatament għal-lejl ta' bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013 u mhux għall-jiem u x-xhur ta' qabel din id-data, u tikkundannah għall-piena ta' **tliet (3) xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammit, l-oriġinali ta' liema tinsab esebita fl-atti tal-proċeduri quddiem din il-Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Dwight Falzon', liema spejjeż għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qorti. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet xhur mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat